# IS-SEHEM ATTIV TA' L-ISKEJJEL FL-IŻVILUPP NAZZJONALI

minn Arthur G. Clare

Qabel ma niddiskutu liema valuri għandna nistennew li jingħataw mill-iskejjel tagħna fl-isforzi tagħhom biex jgħinu l-iżvilupp nazzjonali, ikun aħjar kieku nikkalkulaw x'se tkun il-ħajja f'Malta fil-ġejjieni qarib. Dan jeħtieġ nagħmluh biex norbtu l-idejali li l-iskejjel għandhom jilħqu mal-ħtiġijiet probabbli tan-nazzjon fil-mixja tal-progress. Se nippruvaw inkunu rejalistiċi kemm jista' jkun fl-istampa tal-qagħda ġejjiena.

Minħabba li l-għan ta' ġenerazzjoni wara oħra hu li ttejjeb il-livelli ta' l-għixien, nistennew li l-ħajja fil-futur tkun komda kemm jista' jkun u iżjed sinjura. Opportunitajiet u proċessi ġodda jkunu ħaġa waħda mill-ħajja ta' kuljum. M'hix ħaġa diffiċli timmaġina pjan mibni fuq it-teknoloġija u fuq teknika ekonomiċi u maniġerjali ġodda, qagħda li se titlob aktar ftehim u taħriġ fil-forza nazzjonali tax-xogħol. Idejat li llum huma ġodda se jsiru ħaġa komuni. Fost l-oħrajn, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiem fl-industrija tkun xterdet wisq aktar. Għalhekk tikber il-ħtieġa ta' responsabbiltà akbar, iżjed dixxiplina u faċilità li l-ħaddiema jieħdu deċiżjonijiet. Se jibda jinħass iżjed li x-xogħol, il-produzzjoni u l-*management* huma esperjenza maqsuma bejn gruppi, mezz għal għan soċjali aktar milli għan individwali. Bis-saħħa ta' teknoloġija ġdida, il-produttività se tkun żdiedet, b'mod li l-ħaddiema jkollhom il-benefiċċju mhux biss ta' salarji aħjar iżda wkoll ta' ħin itwal ta' mistrieħ. Aktarx li se jkun hemm kuxjenza akbar li n-nazzjon jiffunzjona bħala entità u li ħafna jiddependi mill-attitudni tal-partijiet lejn l-entità kollha. Is-soċjetà se tkun resqet eqreb lejn l-idejal ta' ko-operazzjoni u aktarx ikun hemm inqas tensjoni soċjali. Ir-responsabbiltà tkun kibret u l-jeddijiet u d-dmirijiet ikunu ġew definiti aħjar. Tagħlim politiku u legali se jkun xtered bħalma jkun kiber l-interess fl-affarijiet interni u esterni tan-nazzjon. Tkun żviluppat aktar il-kultura nazzjonali, forsi skond linji li għadna ma noħolmuhomx, iżda aktarx ikunu linji li jinkludu lin-nazzjon kollu. Jekk naċċettaw din id-dehra, l-iżvilupp nazzjonali se jkun mexa skond ħtiġijiet

ekonomiċi, soċjali politiċi u kulturali. Nistgħu issa ngħaddu għall-preżent u naraw liema idejali se jgħinuna biex immexxu 'l quddiem l-iżvilupp imsemmi, jew aħjar naraw liema fatturi se jiddeterminaw ir-rata ta' l-iżvilupp. Kulħadd jaqbel li s-sehem ta' l-iskejjel fl-iżvilupp tan-nazzjon hu ta' importanza mill-akbar. Jistgħu jgħinu jew ifixklu l-progress. Mela l-funzjoni ekonomiku, soċjali u kulturali tagħhom trid tkun waħda: dik li jgħinu lill-ġenerazzjonijiet biex jibnu fuq ix-xogħol ta' l-oħrajn. It-taħriġ u l-valuri li jagħtu jridu jkunu relevanti għall-ħajja kif qiegħda llum. Huwa l-mekkaniżmu li minnu l-materja prima tas-soċjetà tingħata sura u tkun ipperfezzjonata. Ma nkunux qegħdin nesaġeraw jekk ngħidu li s-suċċess ta' l-iżvilupp jista' jinbena jew jaqa' skond il-ħila li jkollhom l-iskejjel li jikko-ordinaw is-sehem tagħhom mad-domandi nazzjonali.

L-ewwel dmir tagħhom hu li jġagħlu lill-istudenti jagħżlu bejn fantasija u rejaltà. Jiġifieri ma jaħsbux biss fil-ħwejjeġ astratti u sbieħ tal-ħajja, iżda wkoll fil-ħwejjeġ li jistgħu jmissuhom b'idejhom fl-irġulija. L-iskejjel is-soltu jġegħlu t-tfal jħarsu lejn dawn l-affarijiet bħala xogħol iebes, lejaltà, tmexxija, kompetizzjoni u entużjażmu, iżda l-istudenti li jħallu l-iskola jsibu li sħabhom tax-xogħol mhux biss jista' jkollhom valuri differenti iżda saħansitra jistmerru l-kwalitajiet mixtieqa mill-iskola. Għal integrazzjoni aħjar fil-ħajja adulta, l-istudenti, għalhekk, iridu jsiru iżjed konxji tal-valuri kontra xulxin li jistgħu jsibu barra mill-iskola. Barra minn dan, iridu jsibu lil min igħallimhom x'hemm jistenniehom fil-fabbriki jew fl-uffiċċji. Iridu jkunu jafu kif jagħmluha man-nies, kif ikunu indipendenti u x'inhuma l-esigenzi li se jiltaqgħu magħhom. Tagħlim ieħor irid jinkludi tagħrif dwar in-nuqqasijiet tas-soċjetà u dwar rimedji possibli. Dan jolqot il-kunfidenza tagħhom fihom infushom li trid tinbena sewwa, għaliex aktarx li din hi waħda mill-ħtiġijiet tal-ħajja tax-xogħol. Iżda l-aktar importanti, iridu jirrejalizzaw li ix-xogħol hu biċċa serja. Hu impenn soċjali li jitlob it-twarrib tax-xejriet egoistiċi, forma ta' għajnuna soċjali aktar milli persunali.

Sehem ieħor importanti ta' l-iskejjel hu li jgħallmu lill-istudenti kif jużaw aħjar il-ħin ħieles tagħhom, kif jagħmlu xogħol kostruttiv, u jkunu ċittadini responsabbli. Fi kliem ieħor, għandhom isiru jafu liema huma l-ħsarat tad-delinkwenza u xi tfisser piż żejjed għas-soċjetà. Għandna ninkuraġġixxu l-użu krejattiv u sodisfaċenti tal-ħin ħieles meta l-istudenti għadhom fl-iskola, u għalhekk il-lezzjonijiet ta' l-arti u l-artiġjanat huma siewja. L-istudenti jistgħu ikunu nkuraġġiti biex jiżviluppaw il-krejattività u jkunu kburin b' dak li jagħmlu. Din ma tagħtix biss adulti iżjed ferħana iżda ħad-

diema tal-fabbriki iżjed responsabbli li kienu mħarrġa kif jistmerru xogħol ta' kafkaf u jipproduċu oġġett tajjeb. Taħriġ mużikali u artistiku hu importanti wkoll. L-iskejjel għadhom joffru l-opportunità lill-istudenti li jisimgħu mużika klassika u ħafifa, jikkritikaw xogħlijiet bħal dawn u jitkellmu dwar l-effett li l-mużika tħalli fuqhom. Imħabba u għarfien tal-pittura għandhom ikunu mrawma wkoll; dan jitlob l-opportunità li l-istudenti jitkellmu u jfissru l-fehmiet tagħhom. It-taħriġ f'qari siewi għandu jieħu s-sura ta' taħriġ fis-setgħat kritiċi; it-tfal ġeneralment ikollhom kunfidenza akbar fihom infushom jekk ma jkunux skoraġġiti mill-għalliema tagħhom li jistennew minnhom li jaslu għall-istess konklużjonijiet li jaslu għalihom huma fuq ix-xogħol partikulari. It-trawwim ta' setgħa kritika bħal din u ta' espressjoni persunali jwassal għall-bini ta' poplu li jafda fih innifsu u fil-kobor ta' l-identità tiegħu, fost l-oħrajn fil-kapaċitajiet li jistgħu jkunu rieqda jew moħbija fihom u li jistgħu jitwettqu biss jekk isibu lil min jinkuraġġihom fil-mod ittajjeb u qatt imrażżna fihom. Fil-ġejjieni, studenti mħarrġa skond dawn il-linji ikunu adulti mimlija idejiet u kunfidenza biex iwettqu l-istess idejiet f'ħaddieħor. Bla ebda dubbju, l-iskejjel jistgħu jaslu għal dan biss jekk il-klassi tkun post xieraq għal diskussjoni ħielsa.

It-taħriġ fiżiku tat-tfal jista' jagħti wkoll riżultati li jidhru iżjed 'l quddiem. Adult b'fiżiku f'saħħtu li ma jegħjiex malajr fix-xogħol tiegħu, u li hu lest li jilqa' sfida u għandu wkoll ċerta ħila li jissaporti hu adult siewi fil-ħajja. L-imħabba lejn il-perfezzjoni fiżika, is-saħħa u s-setgħat tal-ġisem tista' tevita l-għażż. Dan iwassal ukoll għal sodisfazzjon fiżiku akbar fl-attivitajiet sportivi.

L-imħabba lejn l-ambjent Malti hi aspett importanti ieħor. Jistgħu jaslu biex itejbuh iżda qatt li jeqirduh. Aktar ma l-istudenti isibu lil min igħinhom jinteressaw ruħhom fid-dinja ta' barra, aktar nistgħu nibnu nazzjon b'vibra individwali f'saħħitha. Il-kompetenza ta' l-iskola tinkludi wkoll l-inkuraġġiment ta' l-istudenti biex jiddiskutu mhux biss il-kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali iżda wkoll oħrajn politiċi u legali, trade-unjonistiċi u reliġjużi. Il-formazzjoni tal-karattru hi ta' importanza u għalhekk għandhom jitgħallmu jikkritikaw skond prinċipji ġusti. Il-bilanċ ta' l-argumenti jgħinhom ukoll biex jitgħallmu jisimgħu lil ħaddieħor.

Biex wieħed jiffaċċja l-isfida ta' kuxjenza ċivika akbar, l-iskejjel iridu jiżviluppaw, qabel xejn, sens li l-istudent jappartjeni l-ewwel lill-klassi partikulari, imbagħad lill-skola partikulari, u t-tielet lid-distrett u mbagħad lin-nazzjon. Imħabba għall-patrija u

kburija nazzjonali ma nistgħux ngħaddu mingħajrha, l-aktar jekk iridu neqirdu l-vandaliżmu jew il-ħsara maħsuba fil-propjetà ta' ħaddieħor. Studenti li jitgħallmu japprezzaw il-ġmiel tal-pajjiż ikollhom id-dispożizzjoni li jħossuhom ko-responsabbli għalih. Kburija bil-wirt Malti, l-aktar bil-lingwa, mhux biss tibni mentalità nadifa, u apprezzament aħjar tal-qagħda tagħna f'nazzjon u fil-kontinent, iżda wkoll ftehim aħjar fi ħdan il-membri kollha tal-komunità.

Fil-qosor, mela, is-sehem ta' l-iskejjel hu li jiżviluppaw dawk il-kwalitajiet kollha li jagħmlu lill-istudenti adulti sħaħ.

Iżda l-iskejjel m'għandhomx biss jiffurmaw idejiet. Għandhom jagħmlu minn kollox biex jistabilixxu rabta kbira bejn id-dinja ta' l-istudenti tagħhom u d-dinja ta' l-adulti. B'xorti ħażina fl-iskejjel tagħna hemm it-tendenza fost l-istudenti li ġġegħelhom jaħsbu li d-dinja adulta hi xi ħaġa mbiegħda u maqtugħa – dinja fejn missirijiethom u ħuthom biss donnhom jistgħu jidħlu. Ftit ħafna minnhom jifhmu x'hemm fid-dinja adulta, x'inhu mistenni minnhom biex jippartecipaw kemm imisshom fil-ħajja soċjali. Għalhekk hemm il-ħtieġa li l-iskejjel joħolqu kundizzjonijiet fejn l-istudenti jkunu jistgħu jiġu wiċċ imb'wiċċ mar-rejaltà tas-sitwazzjoni u jsibu ruħhom f'xi forma ta' xogħol ta' adulti. Proċess bħal dan irid jibda mill-bidu nett tal-ħajja skolastika iżda l-isforz jitlef it-tifsira u s-sens tiegħu jekk dan ma jsirx fuq livell kollettiv. Livell individwali f'dan il-każ jerġa' jwassal għall-iżolament li aħna qegħdin nissuġġerixxu li negħelbu. Dan irid isir bi pjan organizzat, li jieħu ż-żmien (numru ta' snin) u l-mezzi li jinstabu ma jiswew xejn jekk l-istudenti ma jħossux ruħhom interessati awtomatikament fi proġett bħal dan. Hidma bħal din tista' tinkludi l-possibiltà li għadd ta' studenti joħorġu mill-iskola għal ċertu żmien biex, ngħidu aħna, jaħdmu f'xi fabbrika jew f'uffiċċju. L-effetti ta' dan jistgħu jkunu tlieta: (i) tgħin fil-mixja ta' tranżizzjoni bejn l-iskola u x-xogħol; (ii) tagħtihom l-okkażjoni li jintebħu liema huma x-xejriet persunali tagħhom; (iii) jagħarfu li għandhom jintegraw lilhom infushom, kull wieħed skond ix-xejriet persunali, fil-kumpless kollettiv tas-soċjetà adulta.

Dan il-proġett irid jagħti l-okkażjoni lill-istudenti li jiddiskutu mal-ħaddiema sħabhom liema huma d-dmirijiet u r-responsabbilitajiet mitluba minnhom, jaraw il-ħajja f'aspett ġdid u integru, u jkunu kapaċi jagħarfu s-siwi tal-ko-operazzjoni f'sitwazzjoni vera. Dan igħinhom imorru lura lejn l-iskola mimlijin b'idejiet persunali li jkunu jistgħu jagħtu lil sħabhom u jiddiskutu magħhom. Jistgħu

jikkritikaw xi aspetti jew jirrakkomandaw oħrajn. Forsi jaslu wkoll b'fehmiet dwar kif itejbu l-kwalità tax-xogħol, l-iżjed f'dik li hi effiċjenza u produttività. Hi ħaġa importanti, fil-fehma tiegħi, li l-istudenti jsawru opinjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol biex jaslu jaħarbu n-nuqqasijiet ta' oħrajn. Dan il-kuntatt bejn studenti u ħaddiema għandu siwi edukattiv ċar:

(a) japprezzaw aktar il-ħidma tal-membri adulti tal-familja tagħhom u ta' l-ambjent ħaddiem li hu immedjat għalihom;

(b) ikunu kapaċi jikkonvinċu lilhom infushom li m'hemm ebda barriera bejn il-ħajja magħluqa ta' l-iskola u d-dinja miftuħa tax-xogħol;

(c) jifhmu li l-aħjar livelli ta' produttività jistgħu jinkisbu biss, jew aktar, b'xogħol kollettiv;

(d) bis-saħħa ta' l-osservazzjonijiet, li għandha twassal għall-kritika msemmija, jrawmu fihom kwalitajiet ta' tmexxija.

Bħalissa l-istudenti għandhom ix-xejra jħarsu lejn il-ħajja ta' wara l-iskola bħala post fejn hemm fuq kollox eżamijiet u *interviews*, bir-riżultat li jaslu jassoċjaw lil dawn ma' suċċess jew falliment persunali. Għalhekk sfida oħra ta' l-iskola tista' tkun li turi li l-ħajja tfisser wisq iżjed milli wieħed igħaddi minn eżami. L-istudenti jeħtieġu ideja ċara dwar x'jistgħu jagħtu lis-soċjetà, kemm jekk ma jgħaddux mill-eżamijiet. F'dan id-dawl, l-attivitajiet ta' l-iskola għandhom imorru wisq iżjed lil hinn mit-tħejjija għall-eżamijiet u anki lil hinn minn żjarat kulturali u tagħlim magħluq fi klassi. Flimkien ma' xogħol fil-fabbrika u fl-uffiċċju, l-iskejjel jistgħu jorganizzaw ukoll kampijiet tax-xogħol. Il-karattru ta' l-edukazzjoni jrid isir flessibli biżżejjed biex jagħti programm ta' xogħol lill-istudenti 'l barra mill-iskola bil-għan li jiżviluppa fl-istudenti sens ta' dixxiplina.

Is-sehem ta' l-għalliem hu importanti ħafna. Irid ikun attiv il-ħin kollu, u jrid ikun imħolli joħroġ lill-istudenti 'l barra mill-limiti ta' l-iskola u li jimpenjahom fi studji ta' l-ambjent u xogħol komunitarju, ngħidu aħna l-kura tal-morda u tax-xjuħ. Jista' jinkuraġġihom ukoll biex jagħmlu xi għamla ta' xogħol għall-foqra u dawk li huma inqas privileġġjati mill-bqija. F'dan il-qasam, ikun aħjar li tingħata opportunità fejn l-istudenti jistgħu jħaddmu l-krejattività tagħhom. Jistgħu jingħataw materjal li bih jistgħu jipproduċu oġġetti utli, bħal bizzilla, bibien, twieqi, eċċ. Jistgħu jittieħdu fil-Qasam Sperimentali tal-Gvern u jagħmlu xi xorta ta' xogħol tar-raba'. F' dan it-tip ta' xogħol jistgħu jorganizzaw ħidma bejniethom fuq li-

vell magħqud ta' gruppi. Jistgħu jagħmlu xi xogħol f'dipartimenti tal-gvern, bħall-posta, sptarijiet jew għases tal-pulizija. Studenti akbar jistgħu anki jieħdu sehem fi proġetti tax-Xogħlijiet Pubbliċi, bħalma huma l-bini ta' djar, toroq u affarijiet simili.

Programm bħal dan ma jistax jeskludi l-ħin għall-isport. Flimkien max-xogħol jidħol ukoll il-logħob. Fl-isport ukoll jista' jiġi żviluppat is-sens ta' tmexxija, l-ispirtu ta' ħidma fi grupp u s-sens ta' responsabbiltà lejn ħaddieħor. Hu importanti li nħarsu lejn ittfal mhux bħala entitajiet sħaħ tal-ġejjieni iżda bħala ħlejjaq responsabbli li għandhom persunalità li qiegħda tiżviluppa ruħha minn issa. Pass fid-direzzjoni t-tajba tkun li nqisu l-istudenti ta' bejn sittax u tmintax-il-sena bħala adulti. Viżjoni bħal din iġġiegħel lill-istudent jibda jifhem li għandu jgħin kemm lill-familja privata tiegħu u mbagħad lill-familja akbar tan-nazzjon. Jekk dan is-sens ma jitrawwimx fl-iskola, l-isfida tagħna li ndaħħlu b'suċċess lill-ġenerazzjoni l-ġdida fil-ħajja tal-kbar tfalli.

F'dan l-istudju naħseb li ta' min jiddiskuti l-aspett l-iżjed kruċjali tas-suġġett magħżul; il-problemi li l-iskejjel tagħna bħal issa jistgħu jsibu ruħhom fihom biex iwettqu dan li għedna. Qabel xejn, il-mentalitajiet qodma jridu jitbiddlu. L-iskejjel iridu jaslu biex jintegraw l-isforzi tagħhom fi ħdan il-kwadru wiesa' ta' organiżmu li jieħu f'idejh id-dħul taż-żgħażagħ fil-ħajja adulta. Ir-responsabbiltà ta' dan l-organiżmu tkun li jikseb l-għodod meħtieġa biex proġetti msemmija għall-iskejjel ma jsibux tfixkil; l-għan ta' organizzazzjoni bħal din ikun li toħloq entużjażmu fost l-istudenti biex dan il-proġett imfassal għalihom ikunu huma nfushom li jsostnuh biex jirnexxi.

Ix-xogħol ta' din l-organizzazzjoni jista' jkollu żewġ aspetti ewlenin: l-aspett ta' l-iskola primarja u l-aspett ta' l-iskola sekondarja. Il-qagħda attwali turi li l-iskejjel tagħna għandhom żewġ naħiet: in-naħa kwantitativa u n-naħa kwalitativa. Dwar l-ewwel waħda, l-iskejjel tagħna jagħtu numru kostanti ta' tfal li jħallu l-iskola skond ir-rata tat-twelid u l-emigrazzjoni. Minħabba li s-sistema preżenti hu sistema estensiv li ma jqisx il-ħila individwali, l-iskejjel tal-Gvern m'għandhomx iżjed is-setgħa li jikkontrollaw ir-rata tad-dħul. Iżda hemm bilanċ bejn dawk l-iskejjel li joffru tagħlim fis-snajja u dawk li joffru tagħlim akkademiku. Ma nidħolx filmertu jekk il-kontribut attwali ta' l-iskejjel hux jaqdi l-ħtiġijiet tal-forza nazzjonali tax-xogħol għaliex bħalissa m'hemmx kwalifika uniformi li hi mitluba mill-industrija, ħlief it-tagħlim fundamentali ta' kitba u numri. Sakemm l-iskejjel primarji jkomplu jiżvilup-

paw din il-ħila fost l-istudenti, din il-ħtieġa l-industrija tissokta issib x'jissodisfaha. Iżda l-qofol tal-problema hu li l-ġejjieni qarib se jitlob wisq iżjed mill-impjegati, u għalhekk hu l-kontribut ta' l-iskejjel sekondarji li l-aktar li ppruvajt nikkonsidra hawn, speċjalment il-kwalità ta' dan il-kontribut. Bi kwalità ma nifhimx suċċess akkademiku, iżda dak li hu mistenni mill-istudenti jekk l-iżvilupp nazzjonali għandu jitħaffef.

L-għan ta' l-organizzazzjoni li ssuġġerejt irid jara li fil-mewġa tat-tfettiħ ta' l-iskejjel, dawn il-kwalitajiet ma jintilfux. Jekk dan isir, jista' jinkiseb ħafna mill-iskejjel tagħna.